MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 809/2007

Anthony Pace u martu Jeanette Jacquet-Pace, Joseph Caruana u martu Anna Caruana
vs
Fortunato Caruana u martu Patricia Caruana u b’digriet tas-6 ta’ Mejju 2008 gew kjamati fil-kawza Julian John Caruana, Robert Stewart Caruana, David Sean Caruana u Anthony Carl Caruana

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti li bih esponew:

1. Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond 12, Triq il-Macina, Senglea filwaqt li l-intimati huma s-sidien tal-fond kontigwu 10, Triq il-Macina, Senglea;

2. Illi bi ftehim datat 9 ta’ Marzu 1991 (Dok A *recte* Dok D a fol 18) ir-rikorrenti ippermettew lil Francis Theuma jiftah zewgt itwieqi li jaghtu mill-fond 10, Triq il-

Macina, Senglea, li dak iz-zmien kien proprjeta` tieghu, ghall-arja tal-fond 12, Triq il-Macina, Senglea, bil-kundizzjoni li dawna jinghalqu fuq semplici talba bil-miktub tar-rikorrenti jew fl-eventwalita` li l-istess Francis Theuma ma jibqax jirrisjedi fil-fond 10, Triq il-Macina, Senglea;

3. Illi meta Francis Theuma ma baqax jghix fil-fond 10, Triq il-Macina, Senglea, huma insistew li t-twieqi jinghalqu, anke bil-miktub (Dok B *recte* Dok E a fol 19), izda t-talbiet taghhom gew injorati;

4. Illi wara l-mewt ta' Francis Theuma, il-fond 10, Triq il-Macina, Senglea, gie mibjugh lill-intimati;

5. Illi r-rikorrenti talbu diversi drabi lill-intimati sabiex jaghlqu dawna t-twieqi, anke permezz ta' ittra ufficjali numerata 2834/07, izda huma baqghu inadempjenti.

Ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti tiddikjara li l-imsemmija zewgt itwieqi jinsabu miftuha illegalment u arbitrarjament stante li jilledu d-dritt ta' proprjeta` tar-rikorrenti, u tordna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju stabbilit mill-istess Qorti jaghlqu b'mod permanenti u bil-gebel iz-zewgt itwieqi li mill-fond numru 10, Triq il-Mancina, Senglea, jaghtu ghal fuq l-arja tal-fond numru 12, Triq il-Macina, Senglea, proprjeta` tar-rikorrenti, u f'kaz li l-intimati jonqsu li jezegwixxu x-xogholjiiet mehtiega fiz-zmien stipulat, tawtorizza lir-rikorrenti jezegwuhom huma stess a spejjez ta' l-istess intimati, u dana jekk hemm bzonn bl-assistenza ta' Marixxalli ta' dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numerata 2834/07, kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat Fortunato Caruana li biha espona:

1. Illi in linea preliminari l-intimat jecepixxi n-nuqqas ta’ integrita` tal-gudizzju stante li l-intimata Patricia Caruana (ID: 443547M) mietet fid-disgha u ghoxrin ta’ Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006);

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat jecepixxi l-intempestivita` ta’ din il-kawza u dan minhabba fil-fatt illi l-ittra ufficjali li jsemmu r-rikorrenti taghmel referenza ghall-fond numru erbatax (14) u mhux il-fond numru tnax (12) u ghalhekk l-intimat m’ghandux ibati l-ispejjez;

3. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat xtara l-fond in kwistjoni mill-eredi ta’ Francis Theuma fil-hmistax (15) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) u fil-kuntratt ippubblikat fl-atti tan-nutar Charles Vella Zarb, b’servitu ta’ tieqa taghti ghal fond ta’ terzi, inkluz fih, kif jidher mill-kuntratt esebit mir-rikorrenti u immarkat bhala Dok F;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-iskrittura li esebew ir-rikorrenti mar-rikors guramentat taghhom, datata 9 ta’ Marzu 1991, esebita mir-rikorrenti u immarkata bhala Dok D, ma taghmel l-ebda referenza ghal meta nfethu t-twieqi in kwistjoni, u lanqas ma taghmel referenza ghal liema huma t-twieqi li saret referenza ghalihom, u ghalhekk dawn id-diskrepanzi ghandhom jigu ikkjarati u ippruvati skond il-ligi;

5. Illi, in oltre l-iskrittura li esebew ir-rikorrenti mar-rikors guramentat taghhom, datata 9 ta’ Marzu 1991, esebita mir-rikorrenti u immarakata bhala Dok D, ma taghmel l-ebda stat ta’ fatt fil-konfront ta’ l-intimat u dan ghaliex kif intqal huwa xtara l-fond in kwistjoni b’servitu ta’ tieqa taghti ghal fond ta’ terzi;

6. Illi t-talbiet attrici huma insostenibbli fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li gew ingunti in subizzjoni.

Rat li fis-6 ta' Mejju 2008 fuq rikors ghall-kjamata in kawza ta' Julian John Caruana, Robert Stewart Caruana, David Sean Caruana u Anthony Carl Caruana, il-Qorti laqghet it-talba.

Rat li fit-3 ta' Novembru 2009 Dr. Nicole Camilleri tat ruhha b'notifikata bir-rikors guramentat ghall-kjamati fil-kawza, u li iddikjarat li l-kontestazzjoni taghhom hi fuq l-istess bazi ta' l-eccezzjonijiet ta' Fortunato Caruana u assocjat ruhha maghhom, ghalkemm sostniet li m'ghandhomx jehlu l-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Anthony Pace li semma li hu u l-mara tieghu flimkien ma' Joseph Caruana u martu Anna Caruana huma l-proprjetarji tal-fond 12, Triq il-Macina, Senglea. Hu u l-mara tieghu kienu xtraw parti diviza mill-imsemmi fond permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia datat 28 ta' Settembru 1973. Il-konjugi Caruana, imbaghad, kienu xtraw il-parti diviza l-ohra permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia datat 18 ta' Dicembru 1978. Qal li anke qabel ma xtara dan il-fond (li precedentement kellu n-numri ta' 43a/43b u precedentement anke 44) fl-1973 hu kien joqghod fih mal-familja tieghu sa minn meta kellu ghaxar snin. Il-parti tal-fond li xtara dejjem kien f'idejn ommu Giuseppina Pace.

Semma li kemm kien ilu jghix f'din id-dar qatt ma kien hemm twieqi jharsu ghal fuq il-proprjeta` taghhom, u dan jirrizulta wkoll mill-kuntratt ta' l-akkwist ta' Francis

Theuma, fejn ma jissemmewx ebda servitujiet favur il-proprjeta`. Semma li fl-1991, Francis Theuma, il-proprjetarju tal-fond 10, Triq il-Macina (precedentement 46), kien avvicinahom u talabhom biex jiftah zewgt itwieqi li jigu jharsu ghal fuq il-bitha taghhom. Qal li huma kien accettaw bil-kundizzjoni li t-twieqi jitnehhew fuq talba taghhom fi zmien ghaxart ijiem min-notifika bil-miktub. Qal li fl-1999 indunaw li l-fond ta' Francis Theuma kien ghal bejgh. Ghalhekk kienu kellmu lil Paul Thuema, it-tifel ta' Francis Theuma, peress li Francis kien qed jghix go dar ta' l-anzjani, biex jaghlaq it-twieqi izda dan kien irrifjuta. Kienu wkoll kitbu ittra lil Paul Theuma li giet ukoll injorata. Semma li Francis Theuma biegh il-proprjeta` tieghu lil Fortunato Caruana u li wara hafna tentattivi biex jikkomunika mieghu dan irrifjuta li jkellmu. Baghatlu wkoll ittra ufficcjali biex jaghlaq it-twieqi u peress li dan irrifjuta kellhom jittiehdu dawn il-proceduri.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Ghislaine Hanni</u>, bint ir-rikorrenti, li semmiet li giet l-ewwel darba Malta fl-1981 u wara giet kemm-il darba peress li l-genituri taghha ghandhom il-fond 12, Triq il-Macina, Senglea. Ikkonfermat li t-twieqi li jaghtu ghal fuq il-bitha taghhom ma kienux dejjem hemm. Qalet li dawn it-twieqi nfethu fl-1991 meta Francis Theuma u missierha iffirmaw ftehim. Dan il-ftehim kien jghid li dawn it-twieqi jistghu jinfethu bir-rieda ta' missierha u li jekk Francis Theuma ma jibqax jghix hemmhekk jew missierha jkun irid li jinghalqu, dan isir fi zmien ghaxart ijiem. Semmiet li kemm-il darba ippruvat tikkuntattja li Fortunato Caruana, il-proprjetarju tal-fond 10, Triq il-Macina, Senglea izda hu dejjem irrifjuta.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Carmen Gatt</u>, oht l-attur, li semmiet li meta kellha ghaxar snin (u llum ghandha 58) il-familja taghha marret tghix fi 12, Macina Street, l-Isla (precedentement 43), li llum hija proprjeta` ta' huha. Dak iz-zmien id-dar kienet maqsuma f'zewg partijiet distinti mill-istess dar u kien jinkrew separatament mis-sidien. Qalet li huma kienu jikru l-fond ta' fuq li kellu n-numru 43b, Triq il-Macina. Il-fond ta' taht mhux dejjem kien ikun abitat peress li s-sid ma kenitx issib tikrieh kostantement. Semmiet li fil-bitha interna qatt ma kien hemm twieqi li

jaghtu ghal fuqha. Meta huha akkwista dan il-fond, kien ikkonceda permess lill-gar tieghu, Francis Theuma, sabiex jiftah it-twieqi peress li kellu l-mara marida. Qalet li hi kienet tafu sewwa lil Francis Theuma u li kienet rat il-ftehim li kien gie iffirmat bejn huha u Francis Theuma dwar it-twieqi. Peress li huha kien jirrisjedi barra minn Malta dejjem kienet tiehu hsieb il-fond hi.

Gie prezentat affidavit (mahluf barra minn Malta) ta' Jeanette Jacquet-Pace, li fih issemma li meta nxtrat minnhom il-proprjeta` *de euo* ma kienx hemm fethiet fih mal-bini kontigwi. Fl-1991 mart Francis Theuma kienet marida hafna u bzonn l-arja u kienu taw il-permess lil ta' Theuma biex jifthu ghall-arja u ghal ragunijiet umanitarji accettaw, dan dejjem bil-permess skond l-iskritturi.

Gie prezentat affidavit ta' Joseph Caruana, in-neputi tar-rikorrent Anthony Pace, li semma li hu u martu flimkien ma' Anthony Pace u martu Jeanette Jacquet-Pace jigu s-sidien tal-fond 12, Triq il-Macina, Senglea. Hu ikkonferma dak kollu li xehed Anthony Pace fl-affidavit tieghu.

Gie prezentat affidavit ta' Anna Caruana, il-mara ta' Joseph Caruana, li semmiet li Anthony Pace u martu kienu xtraw parti diviza mill-fond permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia datat 28 ta' Settembru 1973. Ir-ragel taghha mbaghad xtara r-rimanenti parti diviza ta' l-imsemmi fond. Semmiet li hi ilha zzur dan il-fond regolarment ghal dawn l-ahhar 27 sena. Sa ftit snin ilu kienet ukoll tmur tnaddaf dan il-fond xi darba fix-xahar. Qalet li t-twieqi in kwistjoni ma kienux minn dejjem hemmhekk. It-twieqi nfethu fl-1991 meta Francis Theuma kien talabhom permess biex jiftah dawn it-twieqi minhabba li martu kienet marida. Semmiet li huma tawh il-permess bil-kundizzjoni li t-twieqi jinghalqu fi zmien ghaxart ijiem minn semplici talba taghhom bil-miktub, jew f'kaz li Francis Theuma ma jibqax jghix hemmhekk.

Qalet li fl-1999 kienu ntebhu li l-fond 10, Triq il-Macina, Senglea kien ghall-bejgh. Qalet li Anthony Pace mar jipprova jkellem lil Francis Theuma izda sab lil ibnu Paul peress li Francis kien mar jghix go dar ta' l-anzjani.

Ghalkemm Anthony Pace talab lil Paul Theuma biex jaghlaq it-twieqi, dan kien irrifjuta li jaghmel dan. Fil-fatt it-twieqi ghadhom hemm sal-lum. Semmiet li Francis Theuma biegh il-fond tieghu lil Fortunato Caruana. Anthony Pace ukoll kien kellmu u qallu biex jaghlaq it-twieqi izda t-twieqi baqghu miftuhin. Ghalhekk kienu baghtu ittra ufficjali lil Fortunato Caruana izda din giet injorata u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Gie prezentat affidavit tal-Perit Anthony Fenech Vella, li semma li ilu jaf lill-atturi Anthony u martu Jeanette Pace ghal dawn l-ahhar tletin sena. Hu zar diversi drabi l-fond 12, Triq il-Macina, Senglea peress li r-residenza permanenti tal-konjugi Pace ma kenitx Malta. Kwazi kull sentejn jew tlieta kienu jafdawlu xi inkarigu ta' manutenzjoni u kienu anke jwettqu xogholijet strutturali. Semma li fl-1978 ghamlu zidiet sostanzjali, fil-1993 bnew it-terrazzin ta' wara u dahhlu sular intermedjarju fil-kamra tas-sodda ta' barra u fl-1999 bidlu s-soqfa. Qal ukoll li kien jinzel ukoll meta kienu jigu Malta biex iduru x-xogholijiet u jirrangaw il-hlas tal-haddiema. Semma li t-twieqi in kwistjoni li jaghtu mill-fond 10, Triq il-Macina, Senglea proprjeta` tal-konjugi Pace ma kienux dejjem hemm, izda nfethu mis-sid tal-fond 10, Triq il-Macina, Senglea bil-permess tal-konjugi Pace madwar l-1991.

Gie prezentat affidavit ta' Fortunato Caruana, proprjetarju tal-fond 10, Triq il-Macina, Isla, li semma li hu xtara din il-proprjeta` fis-sena 2001 wara li marru jarawha xi 4 darbiet qabel xtrawha. Kull meta marru jarawha kien ltaqghu ma' Paul Theuma, bin Cikku Theuma llum mejjet, li kien halla din il-proprjeta` lil uliedu. Ghalhekk hu qatt ma kien iltaqa' ma' Cikku Theuma. Semma li meta xtraw id-dar, Paul Theuma kien qalilhom illi missieru u Anthony Pace kienu ghamlu qbil bejniethom. Dan kien li Cikku jaghlaq tieqa fl-ewwel sular tad-dar tieghu u Anthony Pace kien qabel li bhala tpacija huwa jhalli lil Cikku Theuma jiftah tieqa fis-sular intermedjarju u ohra fit-tieni sular u cioe` fil-*washroom*. Dawn iz-zewgt itwieqi jaghtu ghall-bitha ta' Anthony Pace.

Semma wkoll li huma xtraw id-dar ghax ghogbithom u riedu post l-Isla. Kieku sabu l-*bedroom* u l-*washroom* bla twieqi zgur ma kienux jixtruha ghax ikollhom zewgt ikmamar bla arja u kontra l-ligi tas-sanita`. Qal li jekk it-twieqi jinghalqu, dawn ikunu bla ventilazzjoni. Dwar l-iskrittura qal li hu qatt ma kien raha qabel bdew dawn il-proceduri u li l-ewwel darba li raha kien meta mar ghandu biha Anthony Pace. L-ezistenza ta' l-iskrittura giet konfermata biss mis-Sur Pace u l-familja tieghu u hadd mill-familja tas-Sur Theuma ma ikkonferma l-fatti.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

***D1. Fatti tal-kaz:***

Illi ghalhekk din il-kawza tirrigwarda t-talba tar-rikorrenti biex jinghalqu t-twieqi bejn il-fondi 12 u 10, Triq il-Macina, Isla. Ir-rikorrenti jsostnu li kif jirrizulta minn Dokument D a fol 18 iffirmat bejn Anthony Pace u Francis Theuma li kien il-proprjetarju tal-fond numru 10, dawn it-twieqi kellhom jinghalqu fi zmien ghaxart ijiem minn talba jew jekk Francis Theuma ma jibqax joqghod fil-fond imsemmi. Mill-imsemmija skrittura jirrizulta li:

"*agree that Anthony Pace has allowed Mr. Theuma, who accepted, the opening of two windows overlooking into the airspace of his property wihtout any legal title, and that they shall remain there at Pace's leisure and will.*

*Mr. Theuma is obliged to close these window/s within ten days of a simple notification in writing from Pace, failing which Pace will have the power to carry out the necessary works and bill Theuma for them together with any claim for damages, both material and moral*".

Irrizulta li r-rikorrenti ippruvaw ikellmu lil bin Francis Theuma (peress li Francis Theuma llum mejjet) izda inutilment talbuh biex jerga' jaghlaq it-twieqi u ghalhekk saret din il-kawza.

Waqt dawna l-proceduri gie ikkonfermat li t-twieqi infethu fis-sena 1991 – xhieda tar-rikorrenti, kif ukoll ix-xhieda ta' Ghislaine Hanni, Carmen Gatt (li tigi oht Anthony Pace), u

l-Perit Anthony Fenech Vella, li spjega li ilu jaf dina l-proprjeta` ghal dawn l-ahhar tletin sena.

Min-naha tieghu Fortunato Caruana jinsisti li hu kien xtara minghand Paul Theuma u li fil-kuntratt kien jissemma s-servitu` u li ma kienx jixtri l-fond li kieku kien minghajr twieqi, kif ukoll li ma kienx ra l-iskrittura dwar it-twieqi qabel il-kawza.

***D2. Servitu` u mera tolleranza :***

Minn dan jirrizulta li r-rikorrenti kellhom kull dritt fil-ligi jitolbu li l-imsemmija zewgt itwieqi ghandhom jinghalqu. Il-fatt li fil-kuntratt ta' l-akkwist tal-konvenut tissemma servitu` ma jwassalx biex jaghti titolu ta' servitu` lill-intimat. Servitu` ta' tieqa tista' tigi kostitwita biss fi tliet modi:

- bid-destinazzjoni ta' missier il-familja, jew
- bis-sahha ta' att pubbliku, jew
- bis-sahha tal-preskrizzjoni akkwizittiva ta' 30 sena.

It-twieqi nfethu fl-1991, u ghalhekk certament mhux applikabbli l-preskrizzjoni akkwizittiva ta' 30 sena. Anqas huma applikabbli l-metodi l-ohra ta' att pubbliku jew destinazzjoni tal-missier tal-familja. Jinghad ukoll li atti ta' semplici tolleranza ma jistghu qatt iservu bhala bazi ghall-akkwist ta' pussess legittimu necessarjament mehtieg ghall-preskrizzjoni akkwizittiva. Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Grech vs Dolores Ellis pro et**, Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) inghad:

'Att ta' tolleranza fl-interess tal-bon vicinat ma jammonta qatt ghal rinunzja ta' dritt'.

Ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Emanuele Rapa vs Angelo Zerafa**, liema kaz ukoll kien jikkoncerna tieqa miftuha ghal fuq spazju mhux mibni li kien jifforma parti minn fond iehor, intqal is-segwenti:

"il-Qrati taghna kostantament applikaw il-principju li l-ezistenza ta' tieqa miftuha fil-fond proprju ghal fuq art jew spazju mhux mibni ta' haddiehor ma hijiex servitu` izda sofferenza prekarja….'.

Fil-kawza fl-ismijiet **Alexander Booker noe vs Joseph Camenzuli** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) inghad li:
'Jekk il-gar jidhirlu li ma jistax jittollera aperturi li jaghtu ghal fuq il-fond tieghu ghaliex bihom ihoss suggizzjoni, ghandu dritt jitlob l-gheluq taghhom; infatti jekk l-aperturi qeghdin b'tolleranza u mhux bi dritt, ikun kontro-sens illi jekk il-vicin ma jridx izjed jittollera, il-Qorti ma taghtihx protezzjoni'.

Illi fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Mario Cuschieri et vs Angelo Cilia** l-Qorti qalet illi:
'Huwa principju accettat illi l-attijiet ta' pura tolleranza u kortesija ma jistghux, u ma ghandhomx, jirridondaw ghad-dannu ta' min ghamel il-koncessjoni. Jew li l-persuna li lilha saret tali koncessjoni, ghax hekk favorita mill-kortesija ta' haddiehor, tapprofitta ruhha u tippretendi li tista' tivvanta drittijiet proprji fuq il-haga moghtija in uzu b'dik l-istess tolleranza. Kif jinsab awtorevolment deciz 'it-tolleranza ma tattribwixxi ebda dritt lill-parti wahda, u ebda obbligu konsegwenti u korrispettiv lill-parti l-ohra…. u min igawdi minnha ma jkunx qed igawdi bi dritt, ghaliex in-natura taghha ma taqbilx mar-rabta legali li tnissel maghha in-necessita` ta' l-adempiment'.

***<u>D3. Applikazzjoni ghall-kaz prezenti:</u>***
L-intimati Caruana naqsu milli jippruvaw illi kienet giet kostitwita s-servitu` attiva ta' twieqi bis-sahha ta' kuntratt pubbliku iffirmat minn sid il-fond dominanti u minn sid il-fond servjenti. Anqas ma gie ippruvat xi servitu` krejat bid-destinazzjoni tal-missier tal-familja jew tal-preskrizzjoni.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni tan-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju stante l-mewt ta' Patricia Caruana, din giet sanata bid-digriet tal-kjamata in kawza tas-6 ta' Mejju 2008.

Dwar it-tieni eccezzjoni ta’ l-intempestivita`, din michuda mill-Qorti peress li jekk persuna jkollha skrittura ta’ mera tolleranza messha ottemperat ruhha mill-ewwel, fuq talba.

Dwar it-tielet eccezzjoni li fil-kuntratt ta’ l-akkwist ta’ Fortunato Caruana jissemma servitu` ta’ tieqa, dan mhux sufficjenti biex jikkreja servitu`, kif jirrizulta minn “D2” u “D3” hawn fuq.

Riferibbilment ghar-raba’ eccezzjoni dwar l-iskrittura tad-9 ta’ Marzu 1991 li din ma taghmel ebda referenza meta nfethu t-twieqi jew ghal liema twieqi, dan gie iccarat bizzejjed mid-depozizzjonijiet tax-xhieda li anke gew ikkwotati fil-parti ta’ din is-sentenza taht “C” hawn fuq.

Tichad il-hames eccezzjoni li l-iskrittura ma taghmel ebda stat fil-konfront ta’ l-intimat Fortunato Caruana peress li hu xtara l-fond b’servitu` ghax jekk il-venditur ma kellux id-dritt tas-servitu` ma setax jghaddi dan id-dritt lill-kumpratur.

Tichad l-eccezzjoni segwenti li l-fatti huma insostenibbli ghal dak li jissemma taht “C” u “D”.

Tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara li l-imsemmija zewgt itwieqi jinsabu miftuha minghajr awtorizzazzjoni fil-prezent, u jilledu d-dritt ta’ proprjeta` tar-rikorrenti, u tordna lill-intimati sabiex fi zmien xahrejn jaghlqu b’mod permanenti u bil-gebel iz-zewgt itwieqi li mill-fond numru 10, Triq il-Mancina, Senglea, jaghtu ghal fuq l-arja tal-fond numru 12, Triq il-Macina, Senglea, proprjeta` tar-rikorrenti, u f’kaz li l-intimati jonqsu li jezegwixxu x-xogholjiiet mehtiega fiz-zmien stipulat, tawtorizza lir-rikorrenti jezegwuhom huma stess a spejjez ta’ l-istess intimati, u dana wara rikors appozitu.

Salv kull dritt ta’ l-intimati kontra terzi.

Dwar spejjez, dawk relativi ghall-eccezzjoni kontra r-rikorrenti, waqt li l-ispejjez l-ohrajn kollha kontra Fortunato Caruana.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------